# Animazzjoni tal-Quddies tal-Hadd

It-XXII Ħadd Matul is-Sena

Sena B

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw il-liturġija tat-tnejn u għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex tassew inwettqu dak li nemmnu fih. Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Dewt 4, 1-2. 6-8)

Mose ordna lill-poplu tiegħu sabiex iħares il-liġijiet ta' Alla.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 14)

Mulej, min jgħammar fid-dar tiegħek?

**It-Tieni Qari** (Ġak 1, 17-18.21b-22.27)

San Ġakbu jistieden lin-Nisrani sabiex iwettaq dak li jgħid Alla permezz tal-Kelma tiegħu.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mk 7, 1-8.14-15.21-23)

Ġesu ma joqgħodx lura milli jwiddeb lill-kittieba u l-Fariżej u jgħidilhom li l-qima tagħhom hija bla skop.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Ejjew f'dan il-mument noffru lil Alla dak kollu li nħossu, dak kollu li ngħaddu minnu, u dak kollu li nagħmlu f'ħajjitna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

L-Ewkaristija tgħinna ngħixu flimkien bħala komunita ta' Nsara għax twaħħadna ma' Alla.
Nersqu għat-tqarbin fi spirtu ta' talb u ta' ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.